Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Martin E Bayliss)

vs

Brian Caruana

Illum 19 ta’ Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Brian Caruana, iben Francis u Carmen mitwielda Caruana, imwieled fit-2 ta’ Jannar, 1975 u dententur tal-karta tal-identita numru 58575M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-1 ta’ Jannar, 1997 fit-Triq Regjonali, San

Giljan, ghall-habta ta’ bejn is-6.00a.m. u s-7.00a.m. waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Ford Escort, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GAC 805, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila, fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Carmelo Borg, ta’ 44 sena, mill-Hamrun, hekk kif kien iccertifika Dr Stephen Fenech MD u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 225, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe’ il-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni GAC-805, proprjeta ta’ Carmel Bonnici mill-Gzira, u liema hsara giet stmata li tiswa aktar minn LM1000 (elf Liri Maltin) izda anqas minn LM5000 (hamest telef Liri Maltin) ghad-dannu ta’ l-istess Carmel Bonnici, u kif ukoll fuq palma, li tiswa aktar minn LM10 (ghaxar Liri Maltin) izda mhux aktar minn LM100 (mitt Liri Maltin) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, u kif ukoll fuq arblu tad-dawl, li jiswa aktar minn LM100 (mitt Liri Maltin), izda anqas minn LM500 (hames mitt liri Maltin) ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu

328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli, fl-istess data, hin, post u cirkostanza, saq motor-car tal-ghamla Ford Escort, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GAC-805, minghajr licenzja tas-sewqan jew motor-car li ma ikolliex licenzja, jew taht l-influenza tax-xorb jew drogi jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, u b'liema sewqan ikkaguna l-mewt ta' Carmelo Borg mill-Hamrun, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 15 (1), (a) tal-Kapitolu 65, tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat Brian Caruana, talli huwa recidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata t-8 ta' Gunju, 1994, fejn kien instab hati dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku u immultat LM250, u kif ukoll talli fit-30 ta' Mejju, 1996, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla Nru 12, kien ukoll instab hati li gar fuqu arma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, u immultat Lm30, u konfiska tal-arma;

Il-Qorti giet ukoll mitluba f'kaz ta' htija, sabiex tapplika l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65, tal-Ligijiet ta' Malta u tiskwalifika lill-imsemmi Brian Caruana milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-10 ta' Awissu, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 225, 328, 17(b), 49, 50, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 15(1)(a) u 18 tal-Kap. 65 u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-1 ta' Jannar, 1997 ghall-habta tas-7.20a.m. l-Ispettur Martin Bayliss gie infurmat li kien sehh incident tat-traffiku fil-Mini Regional Road fid-direzzjoni tal-Imsida u li kien hemm persuna li kienet tilfet hajjitha. Ghaldaqstant l-Ispettur Bayliss mar fuq il-post, gie

infurmat il-Magistrat tal-Ghassa u eventwalment saret Inkjesta Magisterjali. Irrizulta mill-investigazzjonijiet illi ghamlu l-pulizija illi l-vettura illi spiccat rasha l-isfel u li anke hadet in-nar b'konsegwenza tal-incident awtomobilistiku kienet misjuqa mill-imputat fuq imsemmi illi kien ukoll wegga f'dan l-incident u ittiehed l-isptar. Il-passigier f'din il-vettura Carmelo Borg miet mad-daqqa.

Illi minn aktar investigazzjonijiet irrizulta illi Carmelo Borg u Brian Caruana, l-imputat, kienu telqu mid-diskoteka f'Paceville filghodu kmieni u kienu segwiti minn zewgt ihbieb taghhom b'vettura ohra. Irrizulta wkoll illi l-imputat kien habat ma palma illi tqacctet, sussegwentement habat ma arblu tad-dawl illi tghawweg, il-karozza inqalbet u hadet in-nar. Illi fil-vettura li kienet qeghda issegwi dik tal-imputat kien hemm fiha Stephen Borg, iben il-mejjet u Mark Muscat. Il-vettura misjuqa mill-imputat ittiehdet il-Police Compound Saint Andrews.

Illi irrizulta wkoll illi l-vettura li dakinhar kienet giet misjuqa mill-imputat kienet koperta b'insurance u irrizulta wkoll illi l-imputat fuq imsemmi kellu licenzja tas-sewqan Group B u ghalhekk l-akkuza migjuba kontra l-imputat illi saq il-vettura in kwistjoni minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan

certament ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni u l-akkuzat ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

Illi irrizulta wkoll illi l-insurance hallset kemm lill-familjari tal-mejjet, kif ukoll lil sid il-vettura li dakinhar kienet giet misjuqa mill-imputat. Irrizulta wkoll illi l-istess insurance hallset ghall-hsarat ikkagunati mill-imputat kemm dawk ikkagunati lill-arblu tad-dawl u kif ukoll meta l-imputat b'konsegwenza tal-incident in kwistjoni qaccat il-palma mit-triq fejn kien qieghed isuq. Illi ovvjament dan kollu ser jigi mehud in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tapplika l-piena.

Illi xehed f'dawn il-proceduri Stephen Borg, iben Carmelo Borg illi miet b'konsegwenza tal-incident. Huwa xehed illi kien qieghed isegwi lil missieru u lill-imputat b'vettura ohra misjuqa minnu. Huwa kien ma habib tieghu Mark u kien qieghed isuq il-vettura hu stess. Ix-xhud Stephen Borg kompla jghid illi l-imputat kien qieghed isuq vettura Ford Escort u missieru kien passiggier fil-vettura mieghu. Dakinhar huwa kien qieghed jahdem f'restaurant The Avenue f'Paceville u spicca mix-xoghol fis-6.00a.m. u mar il-Havana Paceville fejn kien jahdem missieru. Kien hemm xi hbieb ohrajn u ftit wara dahal l-imputat. Kollha kemm huma ftehmu li immorru Hal-Qormi sabiex jixtru il-pastizzi.

Ix-xhud iltaqa ma siehbu Mark illi kien ghajjien u ma riedx isuq u offra li isuq hu.  Telqu l-erbgha li kienu minn hemm hekk, telqu wara xulxin u kif kienu ser jaqbdu Regional Road fil-bidu l-imputat qabzu u saq quddiem.  Ix-xhud kompla jghid illi hemm hekk beda jitkellem ma Mark u lill-imputat ma rahx iktar.  Meta saq iktar 'il quddiem, hareg mill-Mini ta' Regional Road u ra Escort maqlub qieghed jaqbad bin-nar u bil-foga.  Ix-xhud kompla jghid illi dak il-hin ma setghax jemmen illi l-vettura li kienet f'dak l-istat kienet dik li kienet misjuqa mill-imputat u li fiha kien hemm ukoll missieru.  Huwa xehed illi waqaf f'nofs ta' triq u hu u Mark hargu mill-vettura biex jaghtu l-ghajnuna.  Ix-xhud qal illi missieru kien diga miet u li gibdu mill-karozza hu stess u Mark u xi haddiehor hargu lill-imputat mit-tieqa l-ohra tal-vettura misjuqa mill-imputat.  Huwa xehed illi lill-imputat ma kellmux ghaliex dan kien ittiehed l-isptar.  Huwa xehed ukoll illi ma jafx kif gara l-incident ghaliex kif hargu mill-Mini l-Escort misjuqa mill-imputat kienet diga maqluba rasha 'il isfel u kienet qeghda taqbad.  Huwa ra sigra tal-palm maqlugha minn postha u ra ukoll arblu tad-dawl hdejn is-sigra tal-palm u l-Escort maqlub f'nofs it-triq.  Stephen Borg kompla jixhed li huwa f'Regional Road kien ghaddej bi tletin jew hamsa u tletin, l-aktar b'erbghin mil fis-siegha.  Huwa xehed a fol. 103 tal-process li meta qabzu l-imputat qabzu "b'certu 'speed'". Huwa kompla jixhed illi mill-bidu tal-mini

sa fejn gara l-incident kien tilef lill-imputat mill-vista u illi mill-bidu tal-mini sa fejn gara l-incident hemm madwar erba' mitt metru. Huwa ippreciza illi x'hin dahal fil-mini sa kemm gie fil-post fejn gara l-incident lill-imputat ma rahx aktar. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputat u hu ma kellhomx cans jixorbu l-Havana ghaliex dak il-hin il-Havana kien qieghed jaghlaq. Huwa xehed illi lill-imputat ma rahx jixrob u deherlu li kien normali. Huwa xehed illi l-imputat kien gar tieghu u li missieru tela' mal-imputat biex ma jhallix lill-imputat isuq wahdu. Stephen Borg ta din ix-xhieda fil-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1999.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda li ta Stephen Borg fl-1 ta' Jannar, 1997, jigifieri dakinhar illi gara l-incident in kwistjoni. Huwa ta din ix-xhieda quddiem l-espert Dr Simon Micallef Stafrace mahtur mill-Magistrat Inkwirenti u fil-prezenza wkoll tal-Ispettur Martin Bayliss. Dakinhar Steve Borg qal illi huwa kien qieghed isuq vettura tal-habib tieghu Mark Muscat f'Regional Road u kien qieghed isegwi l-vettura li fiha kien hemm missieru. L-incident ma rahx peress li kien xi mitt metru lura u allura kien wara l-kisra li hemm fit-triq. Kif dar mal-liwja ra vettura maqluba. Waqaf u kien hu stess li hareg lill-missieru mill-karozza li bdiet taqbad. Steve Borg umbaghad xehed hekk a fol. 55 tal-

process : “M’ghandiex ideja ezatta kemm kien ghaddej Brian izda nahseb li kien fuq is-sittin mil fis-siegha”.

Illi dakinhar tal-incident xehed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti Mark Muscat illi kien passigier fil-vettura misjuqa minn Steve Borg. Mark Muscat xehed illi wara li spiccaw mix-xoghol iltaqghu u kienu kollha l-Havana u hadu xi ‘drinks’. Huwa talab lil Steve Borg biex isuq hu peress illi kien ghajjien, mentri Steve kien f’siktu. Mark Muscat xehed illi Brian kien xorob, pero’ ma kienx fis-sakra. Waslu fejn gara l-incident. L-incident hu ma rahx billi ghalkemm huma kienu qeghdin warajhom, jigifieri wara l-vettura tal-imputat, kienu wara il-liwja li hemm fit-triq. Kif qabzu l-liwja raw il-vettura maqluba u Steve qallu, “Ara x’habta”. U Mark Muscat qallu, “Dik ta’ Brian u missierek”. Meta waslu hdejn il-vettura l-vettura kienet diga qeghda taqbad, kompliet taqbad sew ghaliex beda hiereg il-petrol u wara ftit hin gew l-ambulanzi u gew tat-tifi tan-nar. Mark Muscat xehed u dan a fol. 56 tal-process, “Brian kien qed isuq bi speed qawwi. Jidhirli li bejnietna kien hemm karozza ohra. Kienux qed jinpikaw jew le din il-karozza, li kienet Hyundai bajda, u Brian ma nistax nghid. Naf li fit-tarf tal-mina kienu qishom ma genb xulxin. Kona dhalna f’Regional Road mit-triq ta’ Paceville”.

Il-Qorti tirrileva illi mix-xhieda li inghatat fl-inkjesta iben il-mejjet, Steve Borg, xehed illi l-imputat kien qieghed isuq bis-sittin mil fis-siegha u Mark, li kien riekeb mieghu fil-vettura, xehed illi l-imputat kien xorob mhux hazin dakinhar u xehed ukoll illi l-imputat kien ghaddej bi 'speed' qawwi u illi x'aktarx, pero' ma kienx cert kien qieghed jimpika ma vettura ohra Hyundai ta' lewn abjad.

Illi Mark Muscat xehed ukoll quddiem il-Qorti u qal illi hu kien jahdem flimkien mal-imputat f'Paceville, pero' fi stabbilimenti differenti. Fil-31 ta' Dicembru, 1996 kienu iltaqghu wara x-xoghol il-Havana Paceville hu, l-imputat, il-mejjet u ibnu Steve Borg u jaf illi l-imputat ha drink, jew wahda, jew inkella xejn. Kienu ftehmu illi imorru jixorbu Hal-Qormi. Telqu mill-Havana, f'karozza minnhom kien hemm Steve Borg u hu u f'karozza ohra kien hemm l-imputat u Charles Borg. Ix-xhud qal illi meta telqu mill-Havana, Steve Borg kien qieghed isuq il-vettura u hu kien riekeb mieghu. Baqghu hergin u hu kien talab lil Steve biex isuq hu peress li hu kien ghajjien. Ghadda l-imputat, qalahom bil-vettura li kien qieghed isuq li kienet Escort Mark 1. Ix-xhud qal li Steve beda isuq bil-mod. L-imputat qalaghhom b'mod normali u beda isuq. Ix-xhud qal illi fl-opinjoni tieghu l-imputat ma bediex isuq b'mod ezagerat. Wara li hargu mill-mini ta' Regional Road, tilfu lill-imputat

mill-vista taghhom. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qalghu qabel ma dahlu fil-mini u meta ma rawx aktar lill-imputat huma kienu fil-mina, pero' ma ftakarx f'liema parti tal-mina kienu. Huwa xehed illi kien hemm tul sostanzjali sa fejn ma rawx aktar lill-imputat. Ix-xhud kompla jghid fil-vettura misjuqa minn Steve Borg u hu l-ispeed kien dak il-hin ta' madwar tletin mil fis-siegha. Ix-xhud kompla jghid li meta hargu mill-mina kisru, baqghu sejrin 'il fuq u raw karozza maqluba. Ghall-ewwel ma gharfux min kien qieghed f'din il-vettura, pero' wara ftit gharfu l-karozza.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi gurnata qabel l-incident kien xoghol il-Bamboo Bar, kien mar jorqod id-dar fejn dam sa xi 6.00p.m. u meta mar ghax-xoghol kien f'siktu. Xogholu kien ta' Head Barman u kien jiehu hsieb ukoll il-bar. Mar ghax-xoghol, kien New Year's Eve tas-sena 1996 u kien dam extra fuq ix-xoghol, pero' ghall-habta tal-4.30a.m. in-nies bdew jonqsu. Kien wassal lil siehbu Simon id-dar u rega' umbaghad irritorna l-bar fejn wara li lesta xoghol telaq il-Havana ghal siehbu. Dam jistenna fil-fatt lil siehbu madwar nofs siegha. L-imputat xehed illi bhala head barman huwa ma jkunx jista jixrob meta jkun fuq ix-xoghol. L-aktar li jixrob tkun 'complimentary drink' fl-ahhar per ezempju mal-'owner' tal-'bar'. Pero' dakinhar in kwistjoni ma kienx xorob. Kulma ha kienet 'complimentary

drink', forsi b'kollox ha erba' 'drinks'. L-imputat kompla jghid illi mar il-Havana u rikkeb lil Carmelo Borg fil-karozza tieghu, filwaqt illi shabu l-ohrajn kienu qeghdin isegwuhom f'vettura ohra. L-imputat xehed illi telaq minn Paceville u saq lejn Regional Road taht il-mini. Huwa xehed illi t-triq kienet dizastru, kien hemm hafna nida mal-art mill-mina 'il barra, pero' mhux qabel il-mina. Huwa xehed li kien qed isuq normali, it-triq kien jafha sew u l-vettura ghalkemm ma kienitx tieghu saqha drabi ohrajn. Hareg mill-mina, it-triq kienet umduza hafna u kif gie fil-kisra trieghed l-isteering ghafas il-'break' u ma jiftakar xejn aktar. Huwa korra fl-incident u kienu haduh l-isptar. Dwar l-ispeed l-imputat xehed illi l-aktar li kien qieghed jaghmel kien 45 mil fis-siegha. Huwa xehed li kien hemm hafna vetturi ohrajn gejjin minn Paceville u sejrin lejn id-dar. It-traffiku kien normali, pero' ma kienx hemm 'traffic jams'. Mistoqsi kif jispjega li huwa kien ghaddej biss bi 'speed' ta' 45 mil fis-siegha meta qala palma u arblu tad-dawl u inqalbet il-karozza huwa xehed illi dan gara peress illi kien hemm in-nida mal-art u huwa skidja. Huwa xehed illi n-nida kienet wara l-mina u illi din mhux l-ewwel darba li hemmhekk ikun hemm in-nida. Huwa xehed illi f'lejla kien ha erba' 'drinks' u ma kienx fis-sakra u li kellu kontroll assolut tal-vettura. Huwa xehed illi lill-ohrajn kien telaq qabilhom u ghalhekk kienu qeghdin warajh. Huwa xehed ukoll illi l-incident ma

garax tort tal-fatt illi huwa kien habat mas-central strip ghaliex li kieku l-isteering ma kienx jaghmel kif ghamel. Mistoqsi kemm jixrob meta ma jkunx xoghol huwa xehed illi l-aktar li jiehu huma hdax il-grokk.  Huwa xehed ukoll li dan huwa t-tieni incident li kellu l-Qorti dwar traffiku.

Illi rega’ xehed Stephen Borg, iben il-mejjet fuq talba tad-difiza u qal illi l-insurance civilment halsitu u halset ukoll lill-familja tieghu ghall-mewt ta’ missieru.  Irrefera ghax-xhieda precedenti tieghu fejn qal illi meta kien qieghed isuq hu u l-imputat kienu mexjin ras imb’ras u qal li dan ma kienx minnu, kienu telqu flimkien u f’hin minnhom l-imputat qabzu bil-vettura tieghu, qabzu b’mod normali ezatt kif kienu ser jaqbdu l-pont tal-mini.  Huwa xehed illi dakinhar kienet in-nida u ghalhekk kien hemm possibilita li tiskidja bil-vettura. Ix-xhud irrefera ghax-xhieda precedenti tieghu fejn qal illi l-imputat kien ghaddej bis-sittin mil fis-siegha u qal li huwa ma riedx jghid sittin mil fis-siegha, imma ried jghid sittin kilometru fis-siegha.  Mistoqsi ghalfejn kien biddel il-verzjoni tieghu x-xhud qal illi gurnata qabel ma gie jixhed fil-Qorti kumbinazzjoni kien mar bil-vettura tieghu f’dawk l-akkwati u beda isuq u ihares lejn l-speedometer u dana sabiex jivverifika l-ispeed li kien ghaddej biha.  Mistoqsi jekk kienx kellmu l-imputat dwar kif kellu jixhed huwa cahad u xehed illi meta qal li kien ghaddej bil-hamsa u tletin,

erbghin mil fis-siegha huwa fil-fatt kien qieghed isuq bejn hamsa u tletin u erbghin kilometru fis-siegha u mhux mil fis-siegha. Mistoqsi kif seta' jikkalkola wara dan iz-zmien kollu illi dakinhar kien ghaddej bil-kilometri u mhux bil-mili fis-siegha x-xhud qal illi jaf illi ma kienx qieghed isuq bi speed qawwi u ikkalkula illi huwa kien qieghed isuq b'erbghin il-kilometru fis-siegha minflok b'erbghin mil fis-siegha. Fuq domanda tal-Qorti jekk kienx xi hadd li kien issuggerielu biex jixhed b'dan il-mod u ibiddel il-verzjoni tieghu fis-sens kif diga spjegat ix-xhud cahad u qal ukoll illi minn dakinhar li miet missieru huwa kellu tumur, kien marad u kien ha l-kura ghal din il-marda illi kellu u b'konsegwenza sar bniedem illi japprezza aktar il-hajja. Huwa ikkonferma illi l-imputat huwa gar tieghu, fil-fatt joqghod tahtu, qal illi huma hbieb u minn dakinhar tal-incident sal-lum huma baqghu jitkellmu u certament ma humiex miggieldin.

Illi xehed Charles Bonnici u qal illi kellu vettura Escort Mark 1 illi kien silifha lill-imputat, liema vettura kienet involuta fl-incident in kwistjoni. Huwa qal illi thallas kollox mill-insurance ghall-incident illi gara. Huwa xehed illi ma kienx jidhirlu illi l-vettura kienet waslet ghal xi service, cahad illi kienet armata ghall-giri, pero' ammetta illi t-tyres ta' din il-vettura kienu ftit hoxnin ghaliex il-karozza kienet 'sports car'.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik illi fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni waqt li kienet qieghed isuq vettura tal-ghamla ford escort b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti ikkaguna l-mewt ta' Carmelo Borg u dana bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi sabiex jigi ippruvat dan ir-reat ma hemmx bzonn illi jigi ippruvat id-dolus u cioe' li l-imputat agixxa b'malizja u bl-intenzjoni illi joqtol lil xi hadd, anzi dan ir-reat huwa proprju dak ta' natura involontarja u irid jirrizulta biss il-kulpa u cioe' it-traskuragni, nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' hila, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Illi ir-rizultat tal-awtopsja li saret fuq il-kadavru tal-mejjet iccetifikat il-kawza tal-mewt bhala illi kienet il-frattura ta' ras il-mejjet, "fracture of the skull" u l-lacerazzjoni ta' mohhu, "laceration of the brain".

Illi matul l-inkjesta l-imputat kif kellu kull dritt illi jaghmel ghazel li ma jixhidx quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti.

Illi l-Perit Richard Aquilina gie mahtur mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel pjanta tal-post ta' l-incident. Illi l-imsemmi Perit Tekniku irrelata illi l-incident gara fi Triq Regjonali, Kappara, San Gwann, fil-kareggata li minn San Giljan taghti ghal Gzira u qrib l-inkrocju ta' Triq il-Klarissi. Huwa ikkonstata illi din il-parti tat-triq li hija relattivament dritta tinstab wara l-liwja li wiehed isib hekk kif johrog minn gol-mina u jghaddi minn fuq il-pont ta' fuq Triq B'Kara. Il-Perit Aquilina irrelata illi l-vettura kienet maqluba u kwazi kollha mahruqa. Il-karozza kellha daqqa kbira fuq in-naha ta' quddiem, bil-bcejjec tal-qoxra tal-palma mqabbda gol-"cross membrane" ta' quddiem. Kien hemm ukoll daqqa fit-tond mal-pilastru tal-bieba tal-lemin, mas-saqaf u mal-bieba tal-lemin u dawn kienu kompatibbli mal-qies ta' l-arblu tad-dawl. Il-Perit indika fil-pjanta tieghu il-post fejn tqacctet il-palma, l-arblu tad-dawl li kien f'gholi ta' 1.7 metru, roqgha demm zghira, il-parti ta' isfel tal-palma, il-parti ta' fuq tal-palma, roqgha hgieg imfarrak, "instrument panel" komplut gos-sigra, spare wheel, prop shaft, resevoir tal-brake master cylinder, brakemarks u l-katavru ta' Anthony Borg. Huwa irrelata wkoll illi t-triq kienet xotta. Illi proprju relevanti ferm huma l-brakemarks immarkati bin-numru 12 fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni tal-Perit Aquilina illi tinsab a fol. 32 tal-process.

Illi minn ezami tal-brakemarks kif jidhru f'din il-pjanta huwa car lil hinn minn ebda dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kien qieghed isuq bi speed gholi ferm, huwa tilef l-kontroll tal-vettura proprju tort ta' dan l-ispeed li kien ghaddej bih u effettivament jidhru kif diga spjegat l-breakmarks illi jitkellmu wahedhom. Huwa relevanti wkoll ferm dak illi indika l-Perit Aquilina fir-relazzjoni tieghu illi t-triq kienet xotta. Il-Perit ghamel din l-indikazzjoni mhux ghaliex gie mistoqsi minn xi hadd, imma ghaliex deherlu li dan kien punt rilevanti, kif fil-fatt hu ghaliex wiehed irid izomm f'mohhu, illi l-Perit acceda fuq il-post ftit minuti wara li sehh l-incident, forsi l-iktar, l-iktar xi sittin minuta wara u huwa indika fir-relazzjoni teighu illi t-triq kienet xotta.

Illi l-Qorti rat ukoll r-relazzjoni tal-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti Dr Simon Micallef Stafrace. Illi Dr Micallef Stafrace ikkonkluda illi l-incident gara hekk kif il-vettura misjuqa mill-imputat harget mill-mina u kif waslet mal-kurva, is-sewwieq, jigifieri l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura u tkaxkar ghal gos-'central strip'. Il-vettura dahlet go palma li kien hemm fuq is-'central strip' u qalghet din il-palma minn postha u halliet toqba fonda ta' xi metru minn fejn giet 'uprooted' u spiccat maqsuma fi tnejn fil-karreggjata l-ohra. Il-vettura umbaghad baqghet titkaxkax

mas-central strip u habtet ma pole tal-elettriku u dan bis-saqaf tal-vettura, liema pole tal-elettriku gie mghawweg u imbuttat lura.  Il-vettura umbaghad spiccat fuq is-saqaf taghha fuq il-karreggjata li kienet fuqha inizjalment u cioe' tiehu lejn l-Imsida.  Il-vettura inharqet u spiccat total loss. Kellha s-saqaf mghaffeg u daqqa soda frontali.  L-istess espert ikkonkluda li ma kien hemm ebda vetturi ohra involuti fl-incident u ghalhekk l-incident gara unikament minhabba l-ispeed konsiderevoli li intuza mill-imputat u fl-opinjoni tal-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti dan l-ispeed kien jaqbez is-sebghin mil fis-siegha u ghalhekk skond kif ikkonkluda Dr Simon Micallef Stafrace, ma liema konkluzzjonijiet peritali din il-Qorti taqbel perfettament,  l-incident kien unikament responsabbli ghalih l-imputat fuq imsemmi.

Ikkunsidrat :

Illi anke dwar il-konkluzzjoni tal-Espert Dr Micallef Stafrace illi l-ispeed li kien ghaddej bih l-imputat kien ta' sebghin mil fis-siegha, dan jaqbel ferm max-xhieda li ta fl-inkjesta Steve Borg, iben il-mejjet, illi xehed illi l-imputat fuq imsemmi kien ghaddej bi speed ta' madwar sittin mil fis-siegha.

Illi hija rilevanti wkoll ix-xhieda li ta' Mark Muscat li kien passigier fil-vettura misjuqa minn Steve Borg fl-inkjesta fis-sens illi l-imputat kien xorob, pero' ma kienx fis-sakra.

Illi l-istess imputat jammetti li dakinhar kien xorob xi erba' 'drinks'.

Illi meta xehed l-ewwel darba fil-Qorti Stephen Borg, u dana waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju, 1999, huwa qal illi huwa kien ghaddej f'Regional Road bi 'speed' ta' xi erbghin mil fis-siegha u l-imputat meta qabzu, qabzu b'certu 'speed'. Huwa qal illi mill-bidu tal-mini sa fejn gara l-incident kien tilef mill-vista tieghu lill-imputat u mill-bidu tal-mini sa fejn gara l-incident hemm madwar 400 metru.

Illi minkejja l-fatt illi Stephen Borg xehed bil-mod kif xehed 'a tempo vergine' meta gara l-incident u anke fl-1999 meta xehed quddiem il-Qorti, ghal xi raguni li jafha hu biss, fl-4 ta' Lulju 2001 huwa ghogbu jerga jixhed il-Qorti, din id-darba fuq talba tad-difiza, fejn biddel il-verzjoni tieghu totalment. Huwa semma n-nida meta fiz-zewgt drabi precedenti, jigifieri meta xehed fl-inkjesta u meta xehed fil-Qorti fl-1999 huwa qatt ma semma n-nida u biddel il-verzjoni tieghu fis-sens illi qal illi huwa kien qieghed isuq bl-erbghin kilometru fis-siegha u mhux mili fis-siegha u illi l-

imputat kien ghaddej b'xi sittin kilometru fis-siegha meta qabzu u mhux b'sittin mil fis-siegha. Illi Stephen Borg xehed ukoll illi huwa mid-data ta' l-incident sa meta xehed fl-2001 qabdu tumur u ha l-kura ghalih u issa illum il-gurnata aktar sar japprezza il-hajja. Illi dan il-fatt gie interpretat mid-difiza bhala illi Stephen Borg wara li ghadda minn dak illi ghadda zgur illi meta jixhed il-Qorti ser jghid il-verita. Izda pero' hemm interpretazzjoni ohra li tista tinghata u cioe' li minn jghaddi minn esperjenza simili hafna drabi johrog minnha b'sens ta' gratitudini kbira lejn Alla illi kien salva hajtu u jibda billi jahfer lil kull min setgha forsi ghamillu xi deni, kemm volontarjament u kif ukoll involontarjament. Ghalhekk huwa probabbli ferm illi Stephen Borg hass illi kellu jixhed bil-mod kif xehed biex jipprotegi lill-imputat ghaliex huwa hafirlu tal-mewt ta' missieru.

Illi l-Qorti tifhem u tapprezza illi Stephen Borg hafer lill-imputat. Tapprezza ukoll il-fatt illi kulhadd gie rizarcit ghad-danni illi sofra. Il-Qorti mhijiex tfittex dak li komunament jissejjah il-"pound of flesh". Pero' il-gustizzja trid issir. Charles Borg illum il-gurnata miet u miet tort tal-imputat, tort tat-traskuragni u tal-ispeed ecessiv tal-imputat.

Illi l-Qorti tirrileva li l-akkuza tar-recidiva ma gietx ippruvata u dana peress illi l-Prosekuzzjoni naqset kemm milli tipprezenta s-sentenzi relattivi, kif ukoll illi tressaq il-prova tal-identita u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu u senjatament fejn il-Qorti giet mitluba biex titratta mal-imputat talli huwa recidiv.

Il-Qorti pero' tiddikjara illi issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.  Illi huwa immaterjali illi t-terzi persuni thallsu ghad-danni ikkagunati lilhom u dana peress illi dak il-fatt jghodd biss fil-kamp civili.  Id-danni xorta wahda gew ikkagunati involontarjament tort tal-imputat, tort tat-traskuragni u tal-ispeed eccessiv li kien qieghed juza, kif ukoll bis-sewqan perikoluz tieghu u fil-fatt ikkaguna l-mewt ta' terza persuna, kif ukoll diversi hsarat kif diga intqal, tqaccet palma u tghawweg ferm arblu tad-dawl u ghalhekk l-imputat ghandu jigi misjub ukoll hati ta' din il-hsara involontarja illi huwa ikkaguna.

Ghaldaqstant, in rikapitilazzjoni, l-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-10 ta' Awissu tas-sena

2000, filwaqt illi l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu peress illi din ma gietx ippruvata.

Ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti qieset il-fatt illi t-terzi persuni gew kollha rizarciti mill-"insurance" u ma ghandhom l-ebda pretenzjoni ulterjuri mill-imputat, kif ukoll il-fatt illi Stephen Borg, iben il-mejjet, hafer lill-imputat ta' dan illi gara u cioe' tal-mewt ta' missieru. Madanakollu, kif diga intqal, Carmelo Borg illum huwa mejjet b'konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni u l-Qorti tara wkoll mill-fedina penali tal-imputat illi l-imputat diga gie misjub hati mill-Qrati taghna ta' sewqan perikoluz, traskurat u b'giri aktar milli imiss u dana permezz tas-sentenza moghtija fl-1994, waqt illi f'Mejju tal-1996 huwa gie misjub hati, fost affarijiet ohrajn, ta' sewqan perikoluz. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghall-multa ta' elfejn lira (LM2000) li hija l-massimu illi l-Qorti tista tapplika f'dan il-kaz, u tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tlett xhur li jibdew jghaddu mil-lum.

Il-Qorti terga tiddikjara illi qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mir-raba' akkuza illi ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

Finalment il-Qorti tordna lill-imputat fuq imsemmi sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti ihallas l-ispejjes kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur